

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.11215 – PAI PARTNERS / HG / AZETS)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 272/04)

1. Fl-24 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- PAI Partners S.à.r.l. (Franza), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' PAI Partners SAS (Franza), flimkien "PAI Partners",
- HgCapital LLP ("Hg", ir-Renju Unit),
- Azets Topco Limited ("Azets", Jersey), li bħalissa hija kkontrollata minn Hg.

PAI Partners u Hg jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u tal-Artikoli 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi-sħab ta' Azets.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- PAI Partners hija kumpanija ta' ekwid privata. Il-fondi ġestiti minn PAI Partners għandhom politika li jakkwistaw maġġoranza ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji f'kumpaniji attivi madwar id-dinja fis-setturi tas-servizzi tan-negożju, l-ikel & consumer, l-industrija ġenerali, u l-kura tas-saħħa,
- Hg hija investitur f'neozzjoni tas-software u tas-servizzi b'enfasi fuq l-Ewropa u l-Istati Uniti tal-Amerka,
- Azets hija fornitur ta' servizzi ta' kontabilità, ta' taxxa, ta' awditjar, ta' konsulenza, ta' appoġġ għar-riżorsi umani u ta' appoġġ tal-pagi principally għall-SMEs u hija attiva fiż-ŻEE kollha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tigħi speċifikata:

M.11215 – PAI PARTNERS / HG / AZETS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-Regolament dwar l-Għaqdiet).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
